*Minn Mr. Walter Camilleri*



# *L-Isqof ta' Għawdex Monsinjur Ġużeppi Pace*



Dun Ġużepp Pace mill-parroċċa San Ġorġ Victoria kien in-neputi tal-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Pietru Pace. U wasal il-jum tal-ordinazzjoni tiegħu f'nofs is-sena 1913.

Kien miftiehem minn kmieni li l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Ġużepp issir fil-Kattidral ta' Għawdex minn zijuh l-Arċisqof ta' Malta.

Ġara li meta kien qorob iż-żmien, iz-ziju Pietru kien ġa marid, sal-punt, li ma kienx jiflaħ jaqsam il-fliegu. Għalhekk saru arranġamenti biex l-ordinazzjoni ta' Dun Ġużepp issir Malta u kienu ħallew f'idejn Monsinjur De Piro.

De Piro kien Direttur taż-żewġt idjar: L-Istitut ta' San Ġużepp u l-Istitut ta' Fra Diegu, it-tnejn fil-parroċċa ta' San Gejtanu l-Ħamrun. Għal raġuni mhux magħrufa, De Piro għażel lid-Dar Fra Diegu għal din il-festa.

Imma l-Arċisqof Pietru Pace (09/04/1831 – 29/07/1914) xtaq li l-ordinazzjoni ssir fil-Knisja ta' San Gejtanu billi kienet il-parroċċa taż-żewġ istituti f'idejn De Piro. Imma wkoll minħabba r-rabta li din il-parroċċa kellha mas-Sorijiet ta' Madre Teresa Nuzzo li l-Arċisqof tant kien jgħożż u jqim.

Imma d-data miftiehma kienet fil-qalba tal-festa ta' San Gejtanu u f'dik is-sena, l-arja fuq iż-żewġ każini kienet waħda mċajpra! Għalhekk, l-għażla waqgħet kif tant kien xtaq Monsinjur Ġużeppi De Piro, fuq l-Istitut Fra Diegu.

Il-Ħadd 3 ta' Awwissu 1913, fil-Kappella tal-Istitut Fra Diegu, iddedikata lil San Franġisk tal-Pjagi, l-Arċisqof Monsinjur Pietru Pace ordna saċerdot lid-djaknu Ġużeppi Pace. Għalina tal-Ħamrun din hi ġrajja storika doppja. Għax f'din il-parroċċa tagħna kienet saret l-ewwel ordinazzjoni saċerdotali fil-kappella tal-Istitut Fra Diegu u għax dak is-saċerdot novell fl-1944 inħatar Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex, suċċessur ta' Monsinjur Mikiel Gonzi.

Monsinjur Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, miet fil-31 ta' Marzu u straħ fil-Mulej għal dejjem.

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn

**Modern Butcher**

**Joseph Bugeja**

229, High Street, Ħamrun - Tel: 21237243